# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 23 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 2**

**Rikors numru 141/19/1 GM**

**Western Co. Limited (C 19994)**

**v.**

**Boris Formosa**

1. Il-kumpanija attriċi appellat minn sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili, Ċivili Prim'Awla fit-8 ta' Novembru 2022 li ċaħdet it-talbiet minħabba nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejnha u l-konvenut.

## Fatti

2. Fil-qosor il-fatti prinċipali huma dawn:

2.1. Fil-parti preliminari ta' skrittura privata datata 2 ta' Frar 2007 jingħad li Charles Bianco għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers deher bħala venditur, u biegħ lill-konvenut Boris Formosa l-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru JBG-338 versu l-prezz ta' Lm8,900 (c. €20,731). Ġie miftiehem li l-prezz pattwit kellu jitħallas bir-rata ta' Lm130.85 fix-xahar għal 96 xahar konsekuttiv, liema rata kienet tinkludi ukoll l-imgħax bir-rata ta' 8%[1]. Madankollu fl-aħħar tal-iskrittura hemm stampat "Charles Bianco (ID44368M) għan-nom ta' Western Co Ltd";

2.2. Il-konvenut waqa' lura fil-pagamenti;

2.3. Wara diversi nterpellazzjonijiet li ma wasslu mkien, fit-18 ta' Jannar 2018 Charles Bianco għan-nom ta' Western Co. Ltd ippreżenta ittra uffiċjali skont l-Artikolu 166A tal-Kap. 12[2]. Madanakollu permezz ta' provvediment mogħti fil-11 ta' Ġunju 2018 dik l-ittra ġiet dikjarata mingħajr effett minħabba nuqqasijiet proċedurali[3].

---

[1] 7
[2] Fol. 40
[3] Fol. 68 et seq.

3. Fl-14 ta’ Frar 2019 il-kumpanija attriċi ppreżentat il-kawża odjerna u talbet lill-Qorti sabiex:

> *“1. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi f’ammont li jrid jiġi likwidat rappresentanti din is-somma l-bilanċ ta' prezz ta' vettura tal-marka Mitsubishi Pajero bin-nurrnru ta' reġistrazzjoni JBG-338 mibjugħa u kkonsenjata lill-konvenut flimkien mal-imgħaxijiet relattivi.*
>
> *2. Tillikwida s-somma dovuta lis-soċjeta' attriċi ai fini tal-ewwel talba.*
>
> *3. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma hekk likwidata.*
>
> *Bl-ispejjeż inkluż dawk ta’ b’ ittra uffiċjali numru 64/18 a tenur tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 u l-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1167/18 u l-imgħax u l-konvenut inġunt in subizzjoni.”*

4. Permezz ta’ risposta maħlufa ppreżentata fl-4 ta’ April 2019[4], il-konvenut sostanzjalment wieġeb illi:

i. Preliminarjament, it-talba attriċi hi preskritta *a tenur* tal-Artikolu 542 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (azzjonijiet li ġejjin minn kambjali jaqgħu bil-preskrizzjoni wara ħames snin minn dakinhar li jagħlqu);

ii. Preliminarjament ukoll, l-azzjoni attriċi hi preskritta *ai termini* tal-Artikoli 1407, 2156(f) u 2153 tal-Kap. 16;

iii. Preliminarjament ukoll, sal-lum l-attriċi għadha ma ħallsitux għall-ispejjeż tal-proċeduri li segwew wara l-ittra uffiċjali li għamlitlu

[4] Fol. 18

a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 (Rikors Numru 84/18FDP deċiż fil-ħdax (11) ta' Ġunju 2018). Jgħid li b'dawk il-proċeduri l-imsemmija ittra uffiċjali ġiet dikjarata nulla u għalhekk, l-ispejjeż relattivi għandha ġorrhom l-attriċi u mhux hu;

iv. Huwa qatt ma kellu relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi; u

v. Fil-meritu, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u m'għandux ibati spejjeż.

5. B'sentenza tat-8 ta' Novembru 2022 l-Ewwel Qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-konvenut u lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra l-attriċi.

6. Il-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti kienu prinċipalment is-segwenti:

> *"Il-konvenut jiddefendi ruħu permezz ta' batterija ta' eċċezzjonijiet preliminari filwaqt li fil-mertu jagħmel biss eċċezzjoni ġenerika ta' ċaħda tal-pretenzjoni attriċi. L-ewwel tlett eċċezzjonijiet huma relatati mal-preskrizzjoni filwaqt illi r-raba' eċċezzjoni hi tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika. Loġikament ir-raba' eċċezzjoni kellha tiġi l-ewwel waħda, għaliex jekk m'hemmx relazzjoni ġuridika; jekk il-partijiet ma kellhom x'jaqsmu xejn ma xulxin, la ex delicto u lanqas ex contractu, ma setgħet twieldet l-ebda obbligazzjoni bejniethom u għalhekk ma jistax ikun hemm il-mewt ta' obbligazzjoni li l-azzjoni dwarha ntemmet bil-mogħdija taż-żmien u bl-inerzja tal-pretiż kreditur. Fi kliem ieħor, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni* ***tippresupponi l-eżistenza ta' relazzjoni ġuridika li bdiet u allegatament intemmet.***
>
> *Għalhek hija r-raba' l-eċċezzjoni li din il-Qorti sejra tqis l-ewwel, u dan skont l-ordni loġiku-ġuridiku.*

*Il-ftehim li fuqu hija bbażata l-pretensjoni tas-soċjeta` attriċi huwa bejn "**Charles Bianco għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers**" u l-konvenut, kif jidher mill-ewwel paragrafu tal-iskrittura ta' bejgħ datata 2 ta' Frar 2002 u esibita a fol 7 tal-proċess mis-soċjeta` attriċi stess. Mela l-ftehim sar bejn dawn iż-żewġ persuni. Hija Gianluca Auto Dealers li qiegħdha tbiegħ. Imbagħad hemm il-firma tal-konvenut u l-firma ta' Charles Bianco fuq il-kliem "**għan-nom ta' Western Co. Ltd**". Dan iżda ma jagħmilx lil Western Co. Ltd. parti fil-kuntratt. Din il-Qorti taqbel mar-raġunament tal-Onor. Maġistrat Francesco Depasquale (illum Onor. Imħallef) b'riferenza għal dan il-ftehim stess f'sentenza dwar l-ittra uffiċjali a tenur tal-Art. 166A li l-attriċi istitwiet mingħajr suċċess qabel għaddiet biex tiftaħ din il-kawża "**illi huwa l-korp tal-ftehim illi jobbliga lill-partijiet u mhux dak li jitniżżel taħt il-firma ta' parti**, u, għaldaqstant, Charles Bianco, fil-ftehim illi abbażi tiegħu intavola l-Ittra Uffiċjali 166A, kien qiegħed jidher "għan-nom ta' Gianluca Auto Dealers" u mhux "għan-nom ta' Western Company Limited, u għalhekk, Charles Bianco għan-nom ta' Western Company Limited ma huwiex kreditur tar-rikorrenti Boris Formosa, bir-riżultat li ma setax jintavola Ittra Uffiċjali a tenur tal-Artikolu 166A".*

*Mhuwiex ta' suffraġju li almenu skont kif issostni l-attriċi Gianluca Auto Dealers huwa isem il-ħanut jew showroom li minnu topera. L-identita` ta' min ikun qiegħed jikkuntratta għandha tiġi murija lill-kontroparti b'mod ċar u mingħajr ma jingħata lok għal ekwivoċi. Il-piż tal-prova tal-identita` tal-vera parti li tkun qiegħdha tikkuntratta jaqa' fuq min jallega li kien parti ; u jekk jibqa' xi dubju, dan imur favur il-kontroparti. Hi preżunzjoni iuris tantum illi persuna normalment tikkuntratta għaliha nnifisha sakemm ma ġġibx a konjizzjoni tal-kuntrattant l-ieħor illi hi qiegħdha tinnegozja f'isem ħaddieħor. Fil-każ preżenti, Charles Bianco qiegħed, fil-korp tal-kuntratt, jgħid ċar u tond f'isem min qiegħed jidher. Jekk imbagħad iffirma f'isem ħaddieħor, joħloq konfużjoni u inċertezza li għandha tiffavorixxi lill-konvenut. Mhux x'seta' kellu f'moħħu jgħodd imma x'ikkomunika u ftiehem mal-konvenut fl-iskrittura de quo.*

*Stabbilita n-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika, il-Qorti mhix sejra tieħu qies tal-eċċezzjonijiet l-oħrajn."*

7. Il-kumpanija attriċi appellat mis-sentenza b'rikors li ppreżentat fil-5 ta' Diċembru 2022 u talbet lil din il-Qorti:

*"tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tat-8 ta' Novembru 2022 tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Onor. Imħallef G. Mercieca fl-ismijiet premessi u konsegwentement tirrimanda l-atti lura lill-ewwel Qorti biex tgħaddi biex tagħti sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet, ossija dak tal-preskrizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-konvenuta appellat."*

8. Il-konvenut wieġeb illi s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma u li, għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-kumpanija attriċi.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

9. Il-kumpanija attriċi tilmenta illi d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti kienet legalment żbaljata għaliex dak li kien qiegħed jiġi trattat quddiemha kienu biss l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet dwar il-preskrizzjoni. Tgħid illi r-raba' eċċezzjoni, dwar l-eżistenza *o meno* ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet, la tressqu provi u lanqas ma saru sottomissjonijiet dwarha. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellha qatt tiddeċiedi dik l-eċċezzjoni.

10. Il-konvenut argumenta li l-provi tressqu fuq kollox tant illi *inter alia* tela' jixhed rappreżentant ta' Transport Malta u sarlu kontro-eżami, xehed rappreżentant tal-attriċi u kif ukoll xehed il-konvenut. Tgħid illi dan l-appell huwa biss mezz biex l-attriċi tkompli bil-persekuzzjoni kontrih.

11. Mill-verbali jirriżulta s-segwenti:

11.1. 9 ta' April 2019: il-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

11.2. 9 ta' Mejju 2019: ma deher ħadd u l-kawża ġiet differita għall-istess skop tal-verbal preċedenti;

11.3. 4 ta' Ġunju 2019: l-avukat tal-konvenut kienet indisposta u l-kawża ġiet differita għall-provi tal-konvenut fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

11.4. 9 ta' Lulju 2019: l-avukat tal-konvenut ippreżentat nota b'vera kopja tar-rikors bin-numru 84/2018 FDP, deċiż fil-11 ta' Ġunju 2018 u ddikjarat li ma kellhiex provi aktar dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet. Konsegwentement, il-kawża ġiet differita għall-provi tas-soċjetà attriċi dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni;

11.5. 7 ta' Novembru 2019: xehed Charles Bianco, direttur tal-kumpanija attriċi. Il-kawża ġiet imbagħad differita "*għall-għeluq provi tas-soċjetà attriċi dwar il-preskrizzjoni*";

11.6. 21 ta' Jannar 2020: xehed Conrad Pisani, impjegat ta' Charles Bianco u l-kawża tħalliet għall-għeluq provi atturi;

11.7. 27 ta' Frar 2020: kellu jixhed John Sultana ex-impjegat ta' Charles Bianco, madanakollu kien indispost. Il-kawża baqgħet "*għall-aħħar darba provi tas-soċjetà attriċi*";

11.8. 12 ta' Mejju 2020: kawża differita b'ordni tal-Qorti;

11.9. 9 ta' Lulju 2020: ix-xhud John Sultana baqa' indispost u l-Qorti ordnat lill-assistenta ġudizzjarja tisma' x-xhieda tiegħu fir-residenza tiegħu;

11.10. 13 ta' Ottubru 2020: il-Qorti ġiet infurmata li hemm seduta ffissata quddiem l-assistenta ġudizzjarja għas-smigħ ta' John Sultana. L-avukat tal-attriċi ddikjara li dan huwa l-aħħar xhud tiegħu;

11.11. 10 ta' Diċembru 2020: kawża differita għall-informazzjoni ulterjuri;

11.12. 2 ta' Marzu 2021: il-Qorti ordnat li tinstema' x-xhieda ta' John Sultana permezz tal-*video conferencing*;

11.13. 27 ta' Mejju 2021: il-Qorti ħalliet il-kawża sabiex is-soċjetà attriċi tirregola ruħha;

11.14. 11 ta' Ġunju 2021: il-Qorti ħalliet il-kawża sabiex is-soċjetà attriċi tirregola ruħha dwar ix-xhud John Sultana;

11.15. 23 ta’ Settembru 2021: kawża differita b’ordni tal-Qorti;

11.16. 17 ta’ Jannar 2022: is-soċjetà attriċi rrinunzjat għax-xhieda ta’ John Sultana u ddikjarat li m’għandhiex aktar provi xi tressaq. Il-kawża tħalliet “għall-provi tal-konvenut”;

11.17. 17 ta’ Frar 2022: kawża differita għall-provi tal-konvenut;

11.18. 10 ta’ Marzu 2022: xehed il-konvenut Boris Formosa minn jeddu; xehdet Jolene Formosa prodotta bħala xhud tal-konvenut; u xehed ukoll Charles Bianco prodott mill-konvenut. Il-kawża baqgħet differita għall-provi tal-konvenut;

11.19. 28 ta’ April 2022: deher ix-xhud Stephen Cachia in rappreżentanza ta’ Transport Malta pero kien sprovvist mid-dokumenti meħtieġa biex jixhed. Il-kawża tħalliet għax-xhieda ta’ Stephen Cachia;

11.20. 5 ta’ Mejju 2022: xehed Stephen Cachia in rappreżentanza ta’ Transport Malta, prodott mill-konvenut li ppreżenta diversi dokumenti;

11.21. 14 ta' Ġunju 2022: il-konvenut ippreżenta nota b'ħames dokumenti u ddikjara li m'għandux provi aktar. Il-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakoltà li, fil-frattemp, isiru noti ta' sottomissjonijiet mill-partijiet.

11.22. Fit-2 ta' Awwissu 2022 l-attriċi ppreżentat nota ta' sottomissjonijiet li fiha għamlet l-argumenti tagħha dwar il-preskrizzjoni estintiva; dwar l-eċċezzjoni li l-attriċi ma kinitx ħallset l-ispejjeż relatati mal-proċedura li biha l-konvenut ikkontesta l-proċedura li għamlet l-attriċi taħt Art. 166A tal-Kap. 12; dwar l-eċċezzjoni li l-konvenut m'għandux relazzjoni ġuridika mal-attriċi; u dwar il-meritu tal-kawża inkluż l-ħlas li tippretendi l-attriċi.

12. Mill-verbali hu ċar li fil-bidu bdew jinstemgħu l-provi dwar l-eċċezzjonijiet li l-azzjoni tal-attriċi hi preskritta. Tant hu hekk li kien il-konvenut li beda bil-provi fuq hekk. Meta mbagħad iddikjara dawk il-provi magħluqa, il-kumpanija attriċi ressqet il-provi tagħha. Madanakollu, meta l-kumpanija attriċi għalqet il-provi fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2022, il-kawża ma marritx għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet preliminari iżda tħalliet għall-provi tal-konvenut.

13. Meta sar dak il-verbal, il-kumpanija attriċi ma ressqet l-ebda oġġezzjoni għal hekk. Lanqas ma qajmet xi oġġezzjoni fl-udjenzi sussegwenti meta kien ċar u evidenti li l-konvenut kien qiegħed iressaq provi fil-meritu. F'dawk l-udjenzi il-kumpanija attriċi dejjem kienet assistita minn avukat u wara li għalaq il-provi l-konvenut m'għamlet l-ebda talba biex tressaq xi provi oħra dwar il-kumplament tal-eċċezzjonijiet li kienu jolqtu wkoll il-meritu.

14. Tant l-intendiment kien li s-sentenza kellha tingħata fuq kollox, illi n-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija attriċi[5] ma kinitx tindirizza biss l-eċċezzjonijiet tal-preskrizzjoni iżda l-eċċezzjonijiet kollha u l-meritu tal-kawża[6].

15. Dwar ir-raba' eċċezzjoni, fin-nota ta' sottomissjonijiet l-attriċi argumentat illi għalkemm fil-bidu tal-iskrittura ngħad illi l-bejgħ qed isir f'isem *"Gianluca Auto Dealers"*, dak kien sempliċement l-isem tas-*showroom.* L-attriċi qalet li teżisti relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet għaliex fl-aħħar tal-iskrittura hemm il-firma ta' Charles Bianco u taħt ismu hemm stampat *"għan-nom ta' Western Co. Ltd"*. Wara l-kumpanija attriċi għamlet is-sottomissjonijiet fil-meritu, inkluż dwar l-ammont allegatament lilha dovut qalet li eżebiet *statement fil-kawża* (dan ma jirriżultax) u żiedet li, *"għall-faċli referenza qed terġa' tiġi eżebita kopja tiegħu bħala Dok Z"*.

---

[5] Fol. 199
[6] Fol. 203

F’dan ir-rigward żiedet li minn dak id-dokument jirriżulta li l-ammont dovut lilha mill-konvenut huwa llum fis-somma ta’ €17,636.04.

16. Isegwi minn dan illi kuntrarjament għal dak li qiegħda ssostni l-appellanti, kien ċar u aċċettat mill-attriċi li s-sentenza kellha tingħata fuq il-kwistjoni kollha u mhux sentenza limitata għall-ewwel żewġ eċċezzjonijiet. Jekk kien hemm xi prova oħra li l-attriċi riedet tagħmel u m’għamlithiex, kien minħabba nuqqas tagħha.

17. Dwar il-meritu tar-raba’ eċċezzjoni nnifisha, il-kumpanija attriċi ma ressqitx aggravju. Fil-fatt kull ma talbet fir-rikors tal-appell hu sabiex din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u tibgħat l-atti lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-kumpanija attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr